KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 37/8/194/22

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 37

*L-Erbgħa 25 ta' Mejju 2022*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola nhar l-Erbgħa 25 ta' Mejju 2022. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri, li l-Viċi Sindku talab li jkun skużat minħabba li kien imsiefer fuq xogħol. Il-membri aċċettaw l-apoloġija bħala ġustifikati.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr. 35 u 36 ġew approvati *nem com.*

*Il-Kunsilliera Arqueros daħlet issa.*

3. **Korrispondenza**

3.1. Korrispondenza mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq fi ħdan l-Uffiċju Elettorali li tikkonferma illi l-spazju mingħajr isem li fih issa ser isir il-proġett tal-Ġnien u *skatepark* f'telgħat Raħal Ġdid jissemma Ġnien Tony Bezzina.

3.2. Korrispondenza oħra mill-istess Kumitat għat-Tismija tat-toroq li tinforma lill-membri bit-talba sabiex jinbidel l-isem ta' Triq Swansea f'Kordin għal Triq Emmanuel Delicata. Il-membri qablu li ma hemmx oġġezzjoni għal dan.

*Il-Kunsillier Bartolo daħal issa.*

3.3. Korrispondenza mingħand il-Pulizija tal-komunità li titlob lill-Kunsill Lokali Paola sabiex l-un/loading li tinsab fi Triq Żabbar, viċin ta' Ġnien Lorry Sant, issir minflok faċċata u tirdoppja fil-qies sabiex tnaqqas periklu li qed jinħoloq minn vetturi kbar li qed iħottu fil-ħwienet.

3.3.1. Il-membri iddiskutew dan u fid-dawl ta' nuqqas ta' qbil, is-Sindku ressaq din il-proposta għall-vot u għaldaqstant talab lill-membri jikkonfermaw humiex favur li l-un/loading li hemm fi triq Żabbar viċin ta' Ġnien Lorry Sant titneħħa u minflok issir waħda akbar ta' 10 metri faċċata tagħha. Din il-proposta kienet approvata bi tlett voti favur u tnejn kontra u għaldaqstant il-membri qablu li l-proposta titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

3.4. Ittra mingħand l-iskrivana fi Skala 11 sabiex titla notch fl-iskala tagħha skond il-ftehim tal-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. Il-membri approvaw.

3.5. Talba mingħand il-Kummissjoni Festa-Kristu Re għal-no *objection letter* sabiex isir ħruq tan-nar minn tax-Xewk (limiti ta' Paola) u Ġnien il-Mediterran. Il-membri approvaw.

3.6. Talba mingħand residenti sabiex tittieħed azzjoni fuq it-tappieri tal-Pjazza li jinsabu fi stat ħażin. Is-Sindku kien infurmat li r-rapport dwar it-triq kien konkluż u ġie mgħoddi lill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta. Wara diskussjoni il-membri qablu illi tintbagħat talba bil-miktub lill-Kunsill Konsultattiv u lis-Segretarju Permanenti sabiex il-Kunsill Lokali Paola ikun infurmat bir-riżultat tat-testijiet li kienu saru tal-art kif ukoll sabiex isir b'mod immedjat ix-xogħol fuq it-tappieri.

*Il-Kunsillier Axisa telaq mil-laqgħa.*

## 4. Skemi Diviżjoni għall-Gvern Lokali

4.1. B'referenza għall-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Paola b'rabta mal-skema "Finanzjament għal-żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex", is-Sindku informa lill-membri illi wara diskussjonijiet mal-Perit tal-Kunsill, huwa kien issuġerixxu li sabiex il-latrina ta' Ġnien P. Boffa tkun aċċessibbli irid isir lift. Għaldaqstant il-membri ikkonfermaw dan il-proġett bħala l-proġett li l-Kunsill għandu japplika bih għal din l-iskema, jiġifieri rinovar tal-latrina u installazzjoni ta' lift kif ukoll qablu li l-Kunsill ser ikun qed jiffinanzja dan il-proġett b'€45,000 mill-iskema u €18,130,04 mill-fondi tal-Kunsill. Il-membri qablu wkoll li għanda ssir applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar fl-immedjat sabiex dan ikun f'idejn il-Kunsill fl-iqsar żmien possibbli.

4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri wkoll illi d-Diviżjoni kienet ħarġet ukoll skema sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-funtani fejn Kunsill jista' jibbenefika mill-ammont ta' €10,000 għal kull funtani. Il-membri iddiskutew din l-iskema u fid-dawl li l-funtani tal-pjazza ma kienux qed joperaw qablu li ssir applikazzjoni sabiex dawn iż-żewġ funtani, dik ta' quddiem il-Knisja u l-oħra ta' quddiem iċ-ċentru Laburista, ikunu qed joperaw. Is-Sindku żied ukoll li l-funtana ta' Ġnien Lorry Sant ser titranġa mill-proġett li ser jibda dalwaqt fl-istess ġnien.

5. **Offerti (Van)**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-evalwazzjoni tax-xiri ta' van elettriku kienet ġiet konkluża u ppreżenta ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-membri. Il-membri iddiskutew u approvaw ir-rapport ta' evalwazzjoni kif ppreżentat.

6. **Immaniġġjar tat-traffiku.**

6.1. Is-Sindku informa lill-membri illi kien hemm bżonn isir xogħol fl-immaniġġjar tat-traffiku kif ġej:

6.1.1. Is-Sindku ppropona illi Triq Britannja il-parti bejn Triq il-Foss u Triq Ninu Cremona issir one way direzzjoni lejn Triq Palma fid-dawl li qed jinħoloq periklu fejn kien hemm anke vetturi li daħlu ġo faċċati. Il-membri approvaw.

6.1.2. Is-Sindku qal li fid-dawl li għaddej ix-xogħol fuq it-tarmak ta' Triq Bormla, hemm bżonn illi jiġi regolarizzat il-parkeġġ f'din it-triq fid-dawl li kien mgħarraf minn Periti li kienu qed jaħdmu fit-triq li l-parkeġġ għandu jkun in-naħa l-oħra tat-triq. Il-membri approvaw li ssir it-talba.

6.1.3. Is-Sindku ppropona illi fid-dawl tat-talbiet li waslu għandu issir applikazzjoni sabiex issir zebra crossing fi Triq Bormla lejn ir-roundabout ta' Triq Dom Mintoff. Il-membri approvaw.

6.1.4. Is-Sindku ppropona li terġa titressaq b'mod uffiċjali it-talba sabiex vetturi kbar ma joħorġux minn Triq l-isqof Buhagiar fi Triq Kordin, dan anke fid-dawl tal-inċidenti li isiru fl-akwata kif ukoll il-ħolqien tat-traffiku mar-roundabout. Huwa żied li l-ħruġ ta' vetturi kbar għandu ikun limitat għal-Triq il-Baċir. Il-membri approvaw filwaqt li talbu wkoll sabiex isir aktar infurzar fid-dawl ta' bosta trejlers li qed ikunu ipparkjati ma Kordin kollu.

7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.1. Is-Sindku informa lill-membri illi wara l-insistenza tal-Kunsill, fi ftit ġranet ser ikunu qed ikunu installati il-bollards tad-dawl ġodda tal-pjazza. Is-Sindku żied illi jista' jikkonferma wkoll illi ix-xogħol estensiv li permezz tiegħu ser jinqalgħu il-funtani ta' quddiem iz-zuntier ser ikun proġettat għal-wara l-festa sabiex ma jfixkilx il-ħidma tal-

għaqdiet lokali. Sadanittant huwa kompla li ser issir aktar pressjoni fuq it-triq sabiex, anke skond ir-riżultat tat-testijiet isir ix-xogħol meħtieġ.

7.2. Dwar ix-xogħolijiet l-oħra, is-Sindku informa lill-membri illi saru bosta laqgħat mal-kuntrattur il-ġdid tax-xogħolijiet infrastrutturali, fejn issa ser jingħata bidu għax-xogħol fi ġnien Lorry Sant. Wara ser isiru xogħolijiet oħra infrastrutturali li jinkludu l-organizzazzjoni tal-crossroad fi Triq Luqa u xogħolijiet fi Ġnien St Ubaldeska.

7.3. Dwar ix-xogħolijiet tat-toroq min Infrastruttura Malta is-Sindku informa lill-membri illi mistenni isir xogħol f'numru ta' Toroq bħal Brittrajna, Sultana, Kurvetti, St Ubaldeska kif ukoll għaddejjin diskussjonijiet fuq toroq oħra bħal Triq il-Foss u l-akwata ta' Lampuka u Tarzna fid-dawl tal-ilmijiet li jgħaddu mit-triq. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet kemm ser idum ix-xogħol wieqaf fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku qal li dak ix-xogħol qed isir minn Heritage Malta u jinsab infurmat li kien hemm dewmien minħabba minn kien ser jagħmel ix-xogħol fuq il-main tal-ilma. Huwa żied li jinsab infurmat instabet soluzzjoni u li x-xogħol ser jitkompla fil-ġranet li ġejjin.

## 8. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>

8.1. Il-Kunsillier Bartalo xtaq jistaqsi meta ser isir il-qtugħ tal-ħaxix mal-bankini. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Kunsillier responsabbli mal-kuntrattur hekk kif dan huwa xogħol li isir mad-dawra tal-knis. Is-Sindku kompla li ilmenti simili għandom isiru fil-kunsill b'mod normali ħalli tittieħed azzjoni immedjata. Il-Kunsillier Camilleri kompla li sar ukoll il-qtugħ tal-ħaxix mas-Schreiber.

8.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet għalfejn il-latrina ta' Ġnien il-Mediterran hija magħluqa, il-monument tal-Covid magħluq bil-ħadid u l-ħtieġa tal-qtugħ tal-ħaxix fil-Green Corridor. Is-Sindku irrisponda illi ix-xogħol tal-ħaxix ser jibda hekk kif issa beda jopera il-kuntrattur il-ġdid. Dwar il-Ġnien il-Mediterran is-Sindku informa lill-membri illi partijiet minn dan il-ġnien huwa devolut lill-Mcast u għaldaqstant il-permess tal-proġett is-sħiħ huwa wkoll miżmum fid-dawl li ma hemmx in-no objection letter tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Dan ukoll qed iżomm sabiex ikun konkluż l-MOU mal-Parks Malta. Is-Sindku żied illi però, Parks Malta tiġa qed jagħmlu xogħolijiet ta' *upkeep* fil-ġnien. Dwar il-Ġnien tal-Covid is-Sindku qal li ix-xogħol għadu għaddej u għalhekk għadu magħluq. Fuq il-latrina is-Sindku qal li wara li sargħet it-talba lill-Awtorità tal-artijiet biex din tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali Paola ġejna infurmati illi l-file ta' dik l-akwata jinsab miżmum il-qorti u għaldaqstant ma tistax issir id-devoluzzjoni.

8.3. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet ukoll dwar it-tqassim tal-boroż organiċi u ħodor. Is-Sindku qal li kemm l-iskemi ta' skart riċiklabbli u anka l-WasteServ għadhom ma qasmux boroż fil-Kunsilli Lokali u ma hemmx konferma jekk dawn hux ser jitqassmu jew le.

8.4. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar l-andament fuq ix-xogħol tal-*masterplan* tal-pjazza. Is-Sindku informa lill-membri illi huwa kien qed jagħmel pressjoni fuq il-Perit sabiex jitlesta ix-xogħol sa Ġunju.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 37 għas-somma ta' €63,143.78.

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:00pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku